Kuntatt
...mal-iskola t'ibnek
Mejju '09

Messaġġ mill-Kap tal-Iskola

## Jum il-Premjazzjoni f'San Vinċenz de Paule

Nhar l-Erbgħa 6 ta` Mejju, il-programm ta` Jum il-Premjazzjoni ttella` għall-anzjani fis-sala ta' San Vinċenz de Paule. Il-kimika bejn iż-żgħażagħ u l-anzjani l-vera taħdem tajjeb għax tgħidx kemm ħadu gost. Din ma kinetx l-ewwel darba li morna nferrħuhom. Għall-anzjani kienet xi ħaġa mhux tas-soltu u li żgur fakkrithom f'żgħożithom u fin-neputijiet tagħhom.

L-għada l-Ħamis filgħaxija, il-ġenituri, l-istudenti u l-għalliema ppakkjaw l-istess sala sabiex mhux talli jifirħu flimkien ma` dawk kollha li rebħu xi premju imma wkoll biex isegwu l-programm li kien imħejji għall-okkażjoni. Ta' min jgħid li t-taħriġ sar kollu waqt il-brejk bla ma ntilfet ebda lezzjoni.

Il-programm kellu s-sehem tal-kor u l-banda tal-iskola li taw pjaċir lil kull min kien preżenti bis-siltiet mużikali li ntgħażlu u bil-kapaċitajiet tagħhom tal-kant u d-daqq. Raymond Caruana, il-President tal-Kunsill tal-istudenti, għamel ukoll indirizz f'isem l-istudenti kollha. Il-produzzjoni ewlenija kienet f'idejn l-istudenti tat-Taljan u tal-Arti li wrew kemm huma kapaċi jħaddmu l-lingwa li qed jitgħallmu u jikkreaw sett fantastiku. Wara li saru diskorsi mill-Kap tal-Iskola u l-Prinċipal tal-Kulleġġ, tqassmu l-premjijiet mis-Sur J. Micallef, Service Manager fid-Direttorat tal-Edukazzjoni u eks Kap tal-iskola.

L-iskola tagħna hi mżejna b'għalliema dedikati u professjonali, dejjem lesti biex joħolqu inizjattivi ġodda ħalli l-iskola jagħmluha aktar relevanti għaż-żgħażagħ li jattendu. Dan is-suċċess ta` Jum il-Premjazzjoni ma kienx ikun possibbli kieku ma kienx hemm is-sapport tal-istaff kollu, tal-Kunsill Skolastiku u tal-ġenituri. L-iskola hija familja waħda u rridu niġbdu ħabel wieħed ħalli l-għaqda sservi biex tipprovdi edukazzjoni siewja għall-membri kollha tagħha.

Nagħlaq billi ngħid prosit lil dawk l-istudenti kollha li ħadu rikonoxximent f'din iċ-ċerimonja u nħeġġeġ lill-istudenti l-oħra biex jagħmlu ħilithom kollha ħalli s-sena d-dieħla jkunu ppremjati huma wkoll. Grazzi.

R.Portelli

Kap tal-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal – Il-Qari

Ix-xitwa u x-xita li ġġib magħha għaddew. Din is-sena żgur li ma nistgħux ngħidu li kellna nuqqas ta' ilma tax-xita. Bosta drabi ħalba xita taf tħarbatlek il-pjanijiet li jkollok. Saħansitra hawn min ix-xita tagħmillu burdata ħażina. Iżda wieħed imbagħad jiftakar li l-ilma tax-xita huwa bzonjuż … anzi, prezzjuż! L-ilma jagħti l-ħajja. L-ilma tax-xita jibdel in-nixfa tal-widien f'aħdar jixgħel, frisk u vibranti. Wied li minnu jibqa' għaddej l-ilma jibqa' frisk u ħaj, anke fix-xhur qliel tas-sajf.

Anke l-qari jrid jibqa' għaddej matul ix-xhur ta' mistrieħ tas-sajf. L-istudent li jieqaf jaqra għax l-iskola "spiċċat", aktar iva milli le, se jsibha diffiċli biex jirranka ladarba jasal Settembru u miegħu sena skolastika ġdida. Il-qari huwa għall-bniedem li jrid jitgħallem dak li l-ilma huwa għas-siġra li trid tagħti l-frott. Student li jaqra fuq kollox jaf jitħaddet b'mod matur, jikteb ideat kreattivi, inaqqi l-iżbalji tal-ortografija u fuq kollox jeżerċita l-fakultajiet mentali tiegħu sabiex meta jasal fil-mument tal-prova, fil-mument tal-eżami, ikun jista' jgħaddi mingħajr wisq sforz u diffikultà.

M'hemm l-ebda suġġett taħt il-kappa tax-xemx li wieħed m'għandux għax jaqra dwaru. Kull qari huwa tajjeb għax kull qari jġiegħel lill-moħħ ma jistaġnax. Kif il-ġisem għandu bżonn l-eżerċizzju fiżiku sabiex jibqa' f'saħħtu, hekk il-moħħ għandu bżonn il-qari sabiex ma jitgħażżinx.

Dan ma jfissirx li l-istudenti tagħna m'għandhomx isibu ħin għal affarijiet oħra barra l-qari. Iżda bħalma ġardinar jieħu ħsieb li jsaqqi perjodikament il-ġnien tiegħu, speċjalment fix-xhur sħan tas-sajf, hekk aħna għandna nħajru perjodikament lill-uliedna sabiex kuljum isibu ħin għall-qari.


| | |
|---|---|
| Bord Editorjali: | G. Micallef (Asst. Kap), D. Bezzina, P. Callus, L. Deguara, A. Dimech, A. Galea, R. Portelli, A.Vella |
| Issettjar: | P. Callus |


**Attivitajiet ekstrakurrikulari matul it-tieni term**

• L-istudenti tar-raba' sena tal-liċeo kellhom sessjoni ta' apprezzament artistiku tal-arti ċinematografika. Huma raw il-film "*The Boy in the Striped Pyjamas*" u wara ħadu sehem f'diskussjoni dwar il-film.

• Nhar is-17 ta' Marzu l-istudenti tar-raba' sena flimkien mal-għalliema tagħhom marru mixja ekoloġika mill-Buskett sa Għar Lapsi.

• Żjara kulturali fl-Imdina li kienet tinkludi mawra sal-Mużew Nazzjonali tal-Istorja, l-iMdina Experience, l-iMdina Dungeons u n-Knights of Malta.

• Żjara fiċ-ċentru tal-Pitkalija ta' Ta' Qali fejn ġiet spjegata s-sistema tal-bejgħ u xiri tal-ħaxix u frott u mawra saċ-ċentru tal-falkunerija fis-Siġġiewi fejn l-istudenti assistew għal wirja ta' għasafar.

# Sports Day – Sena Skolastika 2008/2009

Għal din is-sena skolastika, id-dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika ħaseb biex jagħmel żewg *sports days*:

- It-Tlieta 17 ta' Marzu għal Form 1 u 2
- Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu għal Form 3, 4 u 5

L-iskop ewlieni għal dawn il-ġranet ta' sports kien li l-istudenti jesperjenzaw għadd ta' dixxiplini sportivi differenti f'ġurnata sħiħa ddedikata għall-isports. Fil-fatt il-ġurnata kienet maqsuma f'żewġ partijiet:

- L-ewwel parti kienet tinvolvi atletika u *fun races* bħal *pyjama race* u *shoe race*.
- Fit-tieni parti l-istudenti pparteċipaw f'dixxiplini sportivi differenti bħal *rugby, basketball, dodge ball, bowling* u *softball* fost oħrajn.

Din is-sena daħħalna wkoll element ta' kompetizzjoni bejn il-klassijiet tal-Forms differenti. Kull tellieqa u kull logħba kienet tiswa numru ta' punti li mbagħad ġew miżjuda mal-punteġġ ġenerali tal-klassi. Ir-riżultati uffiċjali kienu dawn:







| | Form 1 | | | | Form 2 | | | | Form 3 | | | | Form 4/5 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-1 | 1.1 | - | 168 | punt | 2.6 | - | 239 | punt | 3.7 | - | 123 | punt | 4.10 | - | 131 | punt |
| It-2 | 1.7 | - | 157 | punt | 2.2 | - | 129 | punt | 3.10 | - | 104 | punt | 4.67 | - | 129 | punt |
| It-3 | 1.9 | - | 121 | punt | 2.3 | - | 113 | punt | 3.9 | - | 94 | punt | 4.8 | - | 76 | punt |
| Ir-4 | 1.8 | - | 120 | punt | 2.7 | - | 112 | punt | 3.8 | - | 86 | punt | 4.2 | - | 75 | punt |
| Il-5 | 1.3 | - | 85 | punt | 2.1 | - | 108 | punt | 3.2 | - | 83 | punt | 5 | - | 74 | punt |
| Is-6 | 1.2 | - | 61 | punt | 2.45 | - | 75 | punt | 3.1 | - | 82 | punt | 4.1 | - | 59 | punt |
| Is-7 | 1.6 | - | 35 | punt | | | | | 3.4 | - | 47 | punt | 4.4 | - | 58 | punt |
| It-8 | 1.45 | - | 29 | punt | | | | | 3.56 | - | 39 | punt | 4.3 | - | 51 | punt |
| Id-9 | | | | | | | | | 3.3 | - | 19 | punt | 4.5 | - | 42 | punt |
| L-10 | | | | | | | | | | | | | 4.9 | - | 30 | punt |

Iktar 'il quddiem matul din is-sena ser inkomplu nagħmlu attivitajiet oħra, fosthom l-għawm, biex insaħħu l-kultura sportiva fost l-istudenti tagħna. Inħeġġu lilkom il-ġenituri biex tħajru lil uliedkom jattendu għal dawn l-attivitajiet sportivi.

Id-dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika

# KALENDARJU 2009

**Mejju**

18-22 - L-Għażla tas-Suġġetti (Form 2) (it-tieni parti)
20-24 – Assessjar (it-tielet term)
15 – Ġurnata ta' taħriġ għall-għalliema
27, 28 - Laqgħa għall-ġenituri tal-Form 4: L-Eżamijiet tas-SEC u l-Adoloxxenza



**Ġunju**

1 – Bidu tan-nofstanhari
5 – Gradwazzjoni tal-5 sena
16-26 – Eżamijiet Annwali











# Esperjenza edukattiva mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

Ħames klassijiet tat-Tielet Sena laqgħu l-istedina tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u attendew għall-programm varjat ta' nofs ta' nhar fil-*fire station* tax-Xemxija.

L-esperjenza qanqlet interess kbir għal numru ta' studenti li ma waqfux jesploraw l-inġenji esibiti u jistaqsu dwar il-funzjoni tagħhom fil-każi varji ta' emerġenza.  Min-naħa l-oħra t-tieni parti tal-programm kienet tinvolvi esibizzjonijiet prattiċi ta' tifi tan-nar bl-użu ta' mezzi differenti (fosthom *fire extinguishers* u inġenji).  Din kienet deskritta mill-istudenti bħala l-aktar parti eċitanti fejn huma mhux biss osservaw membri tal-Protezzjoni Ċivili fl-azzjoni, imma wkoll kienu mħeġġa jidħlu fl-irwol b'mod attiv kif jistgħu jixhdu tajjeb ir-ritratti. B'hekk seta jiġi apprezzat aktar id-dedikazzjoni  u l-perikli kontinwi li dawn in-nies jiffaċċjaw fil-ħajja ta' kuljum, fix-xogħol tagħhom.






Punti interessanti li ġew diskussi mal-istudenti kienu jitrattaw;

- Il-proċeduri proprji ta' kif għandha tissejjaħ emerġenza (fuq in-numru 112) u l-penali ħorox għal min jinqabad jabbuża bis-servizz ta' emerġenza.
- Il-mezzi varji li jikkontrollaw tipi differenti ta' nar li ħafna drabi jiġu kkawżati bi traskuraġni.
- Sitwazzjonijiet differenti li membri tal-Protezzjoni Ċivili jħabbtu wiċċhom magħhom b'mod kontinwu (tifi tan-nar u *rescuing*).

L-interess li qanqlet din l-esperjenza kienet tant li numru ta' studenti wrew ix-xewqa li jintegraw f'dan ix-xogħol anki fuq bażi ta' volontarjat sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom lil dan id-dipartiment li aktar ma jmur aktar qed ikollu bżonn ta' riżorsi umani.

R. Zammit
Għalliema Saħħa u Sigurtà

# Għal uliedna verament nagħmlu kollox?
# Il-fiera tal-*Options* tal-Form 2

F'dawn l-aħħar jiem ġew organizzati żewġ nofstanhari għall-istudenti u l-ġenituri tal-Form 2 flimkien fejn fihom ġew esposti għas-suġġetti kollha li hemm għall-għażla fil-Form 3.

Il-fiera tas-suġġetti saret fl-Iskola Primarja tal-Imqabba. Ġew l-istudenti u l-ġenituri flimkien. Il-jum inqasam fi tliet taqsimiet li kienu l-istess. L-ewwel saret espożizzjoni qasira dwar is-suġġett minn ħames għalliema tas-suġġetti. Din saret fis-sala bl-użu tal-*multimedia*. Wara l-istudenti u l-ġenituri niżlu fis-sular ta' taħt is-sala fejn kien hemm armat *stand* dwar kull suġġett u setgħu jaraw l-i*stands* u jistaqsu dwar dawk il-ħames suġġetti lill-għalliema li kienu kellmuhom. Wara l-*break* dan il-programm kien ripetut ma' ħames għalliema oħra u mbagħad ma' grupp ta' ħames għalliema oħra – 3 sessjonijiet ta' ħames suġġetti l-waħda.



L-attendenza tal-ġenituri kienet tajba. Biss nitnikket nara u nisma' ġenituri li jgħidu "għalfejn qagħdu jaqalgħuna," "mhux lilu jrid jogħġob is-suġġett" u "nofstanhar huwa ħin twil." Aħna l-ġenituri għal uliedna lesti nintefgħu fin-nar. Imbagħad issib minna min mhux lest jgħaddi nofstanhar biex jissapportja lil ibnu. Veru li s-suġġett lit-tfal irid jogħġob. Imma x'differenza meta l-istudent iħoss il-preżenza tal-ġenitur tiegħu almenu bħala sapport għalih fl-għażla.



Ħaġa oħra: Fejn hi l-attitudni tat-tagħlim tul il-ħajja (*lifelong learning*) fina l-ġenituri? Jekk stess is-suġġetti ma interessawniex jew it-tifel kien diġà deċiż li jibqa' bl-istess suġġett li għażel għall-Form 1 u Form 2, dak li smajna matul in-nofstanhar kien ta' tagħlim għalina lkoll. Naħseb li bħala persentaġġ ta' attendenza lħaqna livelli tajbin fl-iskola tagħna. Issa rridu naħdmu fuq l-attitudnijiet sabiex verament flimkien nibnu komunità skolastika li titgħallem tul il-ħajja.



R. Mifsud
Għalliem tal-*Guidance*

## *Vaganza b'differenza*

Niftakar ġimgħat qabel ma morna l-Ingilterra, student partikolari, wara kull lezzjoni tal-P.E. kien dejjem jgħidli "Ċaw Sir, narak l-ajruport". Oħrajn kif jarawni, dejjem lesti b'xi mistoqsija: "Fejn ser inkunu?" "Ser ikun hemm tfal minn skejjel oħrajn?" "Kemm ser nagħmlu attivitajiet kuljum?" "Ser insuqu *quadbikes* ?" "Fi xħin ser norqdu?" ...u ħafna oħrajn.



Kulħadd ħerqan u ferħan ser itir, lesti għal tmint ijiem ta' avventura waqt il-vaganzi tal-Għid. Għal ħafna mill-istudenti din kienet l-ewwel darba li kienu se jsiefru. X'safra din mingħajr il-ġenituri, mal-ħbieb u żewġ għalliema tal-P.E! Xi ħadd tant kien eċitat li anki nesa jġib miegħu l-passaport, imma malajr sab min iġibhulu mid-dar. Ftit bews mingħand il-ġenituri, xi ftit demgħat 'l hawn u 'l hemm, kulħadd kwiet u dħalna ġewwa l-ajruplan. It-titjira mal-*Air Malta* kienet waħda mill-isbaħ. Malli wasalna Gatwick, ix-xufier tal-*coach* kien hemm jistenniena biex joħodna Barton Hall ġewwa Torquay, in-naħa t'isfel nett tal-Ingilterra. Il-vjaġġ kien twil aktar minn erba' sigħat u ħafna studenti ddejqu xi ftit. Min intefa' jorqod, min għamel ħbieb ġodda, min jistaqsini kull kwarta kemm fadlilna biex naslu. Ħaddieħor jiġbed ritratti tal-pajsaġġ sabiħ, mimli ħdura bla tmiem, annimali u għasafar kbar u żgħar. Fl-aħħar wasalna, poġġejna l-bagalji fil-kmamar u morna għal *orientation tour*. Imbagħad l-ikla ta' filgħaxija u wara erħejnielha għall-ewwel attività tagħna.





Kull ġurnata kienet differenti minn dik ta' qabilha. Kellna ħames attivitajiet kuljum għal sebat ijiem sħaħ. Wara kull ikla, l-istudenti jkunu ħerqana għall-attività li tkun ġejja wara. *Mount biking, quadbiking, ski, abseiling, Jacob's ladder, all aboard, raft building, fencing, zip wire, vertical challenge* u ħafna u ħafna oħrajn kienu l-attrazzjonijiet ewlenin ta' din il-vaganza b'differenza. Kienu dawn l-attivitajiet li għenu ħafna mill-istudenti jegħlbu l-biżgħat tagħhom u juru sens ta' responsabbiltà lejn xulxin waqt l-attivitajiet li jirrikjedu *team work* u fejn wieħed jiddependi mill-ieħor.

Din l-esperjenza mmaturathom ħafna. Il-fatt li għexu għal tmint ijiem mingħajr il-ġenituri, jaqsmu kamra bejn erbgħa bħall-aħwa, jieħdu paċenzja b'xulxin għenhom biex jikbru u jimmaturaw.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-kollega tiegħi s-Sur R. Baldacchino talli aċċetta l-istedina u għenni biex din iż-żjara tkun possibbli. Nirringrazzja wkoll lill-istudenti kollha li ġew magħna u lill-ġenituri tagħhom tal-fiduċja li wrew fina. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lis-surmast, is-Sur Portelli, u lill-prinċipal is-Sinjorina Sciortino.

G. Dapi
Għalliem tal-P.E.

## Jum il-Premjazzjoni

Nhar il-Ħamis 7 ta' Mejju, l-iskola tellgħet iċ-ċerimonja ta' Jum il-Premjazzjoni. Peress li s-sala ta' l-iskola tagħna għadha fi stat ta' kostruzzjoni, ridna għal darb'oħra nsibu post alternattiv. L-għażla waqgħet fuq is-sala ta' San Vinċenz De Paule.

Is-serata kellha vetrina ta' talenti varji tal-istudenti tagħna. Fil-fatt, kien hemm kant, żfin u siltiet mużikali bis-sehem tal-banda u l-kor tal-iskola taħt id-direzzjoni tal-għalliema A. Pace u R. Mamo. Din is-sena ttellgħet produzzjoni bit-Taljan bl-isem ta' *GF: Geni e Fenomeni*. Il-protagonisti kienu personaġġi Taljani li taw kontribut siewi fil-ħajja tagħhom u li fis-soċjetà tal-llum huma magħrufin mal-erbat irjieħ tad-dinja.



Leonardo Da Vinci, Caravaggio, Meucci, Marconi, Gentileschi u Galilei sabu ruħhom jgħixu fil-ħajja moderna, ġo dar, mgħassa bil-kameras tat-televiżjoni. Il-fatt li jinsabu kollha flimkien jagħtihom l-opportunità li jiddiskutu u jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom.

Waqt is-serata tkellmu l-Kap ta' l-Iskola, Raymond Portelli u l-Prinċipal tal-Kulleġġ, Marilyn Sciortino. Wara dawn id-diskorsi saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li ngħataw mill-Eks. Kap tal-Iskola, Joseph Micallef. Il-premjijiet li ngħataw ma kinux biss fuq merti akkademiċi. Ingħataw premjijiet anki lil studenti li ddistingwew ruħhom f'ċerti valuri ta' solidarjetà u impenn fil-ħajja tal-iskola. Is-serata kienet ippreżentata mill-istudenti Mark Anthony Falzon u Andrea Guiga flimkien mal-għalliem R. Mifsud. L-istudent Raymond Caruana, il-President tal-Kunsill tal-Istudenti, għamel id-diskors tal-ftuħ taċ-ċerimonja.



